MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta ta' l-10 ta' Dicembru, 2009

Appell Kriminali Numru. 390/2009

**Il-Pulizija**
**(Spt. Raymond Aquilina)**
**Vs**
**Omissis**

Il-Qorti,

Rat in-nota tal-Ufficjal tal-probation Mary Anne Zammit tas-17 ta' Settembru, 2009, prezentata ai termini tal-artikolu 21 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, b'liema nota l-Ewwel Qorti giet infurmata li omissis mhux qed toqghod ghad-direttivi lilha moghtija mill-istess ufficjal tal-probation skond l-ordni tal-probation moghti mas-sentenza tal-Ewwel Qorti tas-27 ta' Mejju, 2009.

Rat l-akkuza originali dedotta kontra l-appellanti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli f'dawn il-Gzejjer bejn is-17 u t-18 t'Awwissu, 2008, kellha fil-pussess taghha r-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din

ir-raza w dan bi ksur tal-artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-ligijiet ta’ Malta.

Rat is-sentenza tas-27 ta’ Mejju, 2009, li biha l-Ewwel Qorti, fuq ammissjoni, kienet sabet lill-appellanti hatja w poggietha taht probation ghal zmien sentejn taht il-kondizzjonijiet elenkati fl-ordni tal-probation.

Rat is-sentenza ulterjuri tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-23 t’Ottubru, 2009, li biha, wara li rat l-artikolu 7 u 21 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-appellanti hatja li naqset li thares xi htiega ta’ l-ordni ta’ sanzjoni fil-komunita’ tas-27 ta’ Mejju, 2009 mghotija fil-konfront taghha minn din l-istess Qorti, w ghazlet li titratta maghha ghar-reat li tieghu nstabet hatja fis-27 ta’ Mejju, 2009 ai termini ta’ l-artikolu 8(a) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta w filwaqt li kkonfermat is-sejbien ta’ htija, kkundannatha xahrejn prigunerija.
Il-Qorti, filwaqt li ordnat li kopja ta’ dik is-sentenza tintbaghat lill-Ministru tal-Gustizzja, lill-Ministru ghall-Politika Socjali w lill-Kummissarju tat-Tfal, awgurat li minn issa min hu fdat bil-kura w kustodja ta’ omissis jassigura li wara li hija tiskonta l-piena nflitta fuqha permezz ta’ din is-sentenza, jipprovdiha b’post adegwat fejn tghix u li jkollha l-ghajnuna kollha li ghandha bzonn biex teghleb il-problemi li ghandha.

Rat ir-rikors tal-appellanti minnha pprezentat fit-30 t’Ottubru, 2009, li bih talbet li din il-Qorti joghgobha tvarja s-sentenza appellata, billi tikkonferma dik il-parti fejn sabet lill-appellanti hatja li naqset li thares xi htiega ta’ l-ordni ta’ sanzjoni fil-komunita tas-27 ta’ Mejju, 2009 u thassar dik il-parti fejn ghazlet li titratta maghha ghar-reat li tieghu nstabet hatja fis-27 ta’ Mejju, 2009 u kkundannatha xahrejn prigunerija.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellanti, fil-qosor, jikkonsisti, filli s-sentenza mposta mill-Qorti tal-Minorenni kienet wahda eccessiva fic-cirkostanzi partikolari ta' l-appellanti w tal-kaz u timmerita l-konsiderazzjoni ta' din il-Qorti.

Semghet it-trattazzjoni;

Rat il-verbal li bih il-prosekuzzjoni ma opponietx li l-minuri tkun detenuta fis-shelter tal-YMCA f'numru 30, St. Nicholas Street, Valletta, taht kustodja tal-Pulizija fejn diga' tinsab illum minflok fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin.

Ikkonsidrat;

Illi dan hu appell dwar il-piena, wara li l-Ewwel Qorti sabet li l-minorenni kienet naqset li toqghod ghad-direttivi lilha moghtija mill-Ufficjal tal-Probation wara li kienet impoggiha taht Probation b' sentenza tas-27 ta' Mejju, 2009, fuq pussess ta' droga. Ghalhekk ghazlet li tittratta maghha ghar-reat li tieghu instabet hatja b' dik is-sentenza.

Illi jibda' biex jinghid li l-princpju regolatur hu li Qorti tal-Appell ma tiddisturbax id-diskrezjoni tal-Ewwel Qorti jekk il-piena inflitta tkun entro l-parametri tal-ligi w ma tkunx tidher li hi manifestament eccessiva.

Fil-fatt l-Ewwel Qorti, rinfaccjata b' rapport tal-Probation Officer li l-appellanti ma kienetx qed toqghod ghad-direttivi taghha, kellha zewg ghazliet skond l-artikolu 21 (2) tal-Kap.446. Setghet, wara li ssibha hatja tan-nuqqas lilha imputat, jew twahhalha ammenda ta' mhux izjed minn Euro 232.94c. (LM100) jew tittratta maghha ghar-reat li dwaru kienet tpoggiet taht is-sanzjoni komunitarja f' dal-kaz 'probation'

L-Ewwel Qorti wara konsiderazzjoni profonda tal-fatturi kollha , fl-interess tal-istess minuri w biex forsi tipprotegiha mill-burdati taghha li jwasslu ghall-harbiet mill-post fejn suppost tkun rikoverata segwiti b' avventuri sesswali ta'

kull xorta ma rgiel li sabuha ghal snienhom , ghazlet it-tieni triq – kif kellha kull dritt skond il-ligi li taghmel.

Ghalhekk imponiet fuqha l-piena applikabbli ghar-reat ta' pussess tad-droga raza tal-cannabis li tieghu kienet instabet hatja. F' dan il-kaz il-piena ghar-reat li tieghu kienet instabet hatja mill-Qorti tal-Minorenni, skond l-artikolu 22 (2) (b) (ii) tal-Kap.101, kienet dik ta' prigunerija ghal zmien mhux inqas minn tlitt xhur izda mhux izjed minn tnax il-xahar jew multa ta' mhux inqas minn Euro 465.87 izda mhux izjed minn Euro 2,329.37c jew dik il-prigunerija w multa flimkien. Pero', bl-applikazzjoni tal-artikolu 37 tal-Kodici Kriminali, stante li l-minuri kienet ghadha kif ghalqet l-erbatax il-sena meta kkommettiet ir-reat tal-pussess ta' raza tal-cannabis (izda ovvjament ma ghalqitx it-tmintax il-sena), l-piena kellha tonqos bi grad jew tnejn. Issa jekk il-piena tonqos bi grad wiehed il-piena karcerarja minima tkun dik ta' xahar prigunerija w dik massima tkun ta' disa' xhur prigunerija. Fil-waqt li jekk tonqos b' zewg gradi, l-piena minima tkun ta' mhux aktar minn ghoxrin jum prigunerija jew ghad-detenzjoni jew ghall-ammenda w dik massima tonqos ghal wahda ta' sitt xhur prigunerija, skond l-artikolu 31 (1) (b) (xi) (xii) (xiii) u (xiv) u (c) tal-Kodici Kriminali. Ghalhekk strettament il-piena erogata, anki bit-tnaqqis ta' zewg gradi, ukoll kienet tirrientra fil-parametri tal-ligi.

Illi kieku l-Ewwel Qorti ghazlet l-ewwel ozzjoni w cioe' dik li tikkundanna lill-appellanti ghall-hlas ta' ammenda, dan ftit li xejn kien ser jibbenefika lill-appellanti ghax jekk ma thallasx l-ammenda ghax x'aktarx li m'ghandhiex flus, din xorta kienet ser tiffaccja piena restrittiva tal-liberta' w – jekk stess kienet ser issib min ihallsilha l-ammenda – hi ma kienet ser titghallem xejn minn dan u tkompli bil-hajja zregolata taghha; qiesu ma gara xejn.

Din il-Qorti rat il-konsiderazzjonijiet dettaljati tal-Ewwel Qorti li wassluha biex *"in extremis"* tirrikorri ghall-piena karcerarja ta' din it-tfajla minorenni li qed titkaxkar mal-kurrent u, flimkien ma tfajliet tal-istess *"behavioural pattern"* taghha, qed titkaxkar mal-kurrent tal-vizzju tad-droga w tas-sess sfrenat ma min jigi w tara li l-piena ta'

prigunerija f' dan il-kaz kienet wahda indikata w ma hemmx lok li tigi varjata.

Din il-Qorti tikkondividi l-prejokkupazzjoni tal-Ewwel Qorti dwar in-nuqqas ta' post adegwat fejn jinzammu minuri li jkunu jinsabu *"alla deriva"* u cioe' fil-pozizzjoni li tinsab fiha l-minuri appellanti w ghalhekk tifhem l-ghan tal-Ewwel Qorti w cioe' li - apparti li tippunixxi lill-appellanti ghall-ksur tal-ordni ta' sanzjoni fil-komunita' li kien gie impost fuqha - tipprovdilha xi forma ta' *"shelter"* temporanju li ghall-inqas ghall-periodu limitat izommha milli tiggerra mat-triqat ma' grupp ta' tfajliet ohra fuq avventura sesswali wara l-ohra ma dak u mal-iehor.

Anki jekk forsi ghall-uhud din tidher li mhux l-ahjar soluzzjoni fic-cirkostanzi, mil-lat legali ma hemm xejn x' wiehed jiccensura jew jikkritika fid-decizjoni tal-Ewwel Qorti preseduta mill-Magistrat Dr. Doreen Clarke, li din il-Qorti tifhem li ddecidiet kif iddecidiet fl-interess tal-istess minuri.

Ghal dawn il-motivi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, pero' tirrakkomanda bil-qawwa kollha li tul il-perjodu tal-inkarcerazzjoni taghha, l-appellanti tinzamm fis-"Shelter" tal-YMCA, f'numru 30, Triq San Nikola, Valletta, fejn diga' qed tirrisjedi taht il-kustodja tal-Pulizija, w fejn ghalhekk tista' tibqa' bla ma l-istat jinkorri spejjez zejda.

Tordna li kopja ta' din is-sentenza w tas-sentenza appellata tigi notifikata lill-Ministru tal-Gustizzja, lill-Ministru ghall-Politika Socjali w lill-Kummissarju tat-Tfal biex dawn jikkonsidraw ir-rakkomandazzjoni kontenuta fl-ahhar paragrafu tas-sentenza appellata.

Tordna ukoll li isem il-minuri w il-konnotati taghha ma jixxandrux fl-internet u fil-media.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------